Minuti tal-24 Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 20 ta' Lulju 2011, fil-11.00 ta' filgħodu.

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sindku | Anthony R. Valvo |
| Vici Sindku | Joseph Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieġ |
| | Marie Claire Decelis |

**L-Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru.1 Fuq l-Aġenda – Attendenza w apoloġiji – Kullħadd preżenti barra Sur Mario Buħagiar li kien skużat.

2. Item Nru. 2 fuq l-Aġenda – Il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew moqrija mis-Sindku u ġew approvati unanimament.

3. Item Nru.3 fuq l-Aġenda- Matters Raising – Punti li joħorġu mill-Minuti li ġew moqrija

3.1. Is-Sindku tkellem rigward il-Management Letter u qal li s-Sur Paul Bugeja l-accoutant tagħna ħa ħsieb il-punti li jikkonċernaw l-accounts pero' hemm affarijiet oħra li s-Sindku qiegħed jipprepara risposta għalihom . L-awdituri kkummentaw fuq it-tenders u rrimarkaw li ma kienx hemm firem fejn suppost fuq wieħed minnhom tal -Public Convenience li kienet iffirmata fuq in-naħa ta' wara. U anke xi kumment li wieħed mit-tenders filwaqt li kien hemm il-garanzija rikjesta kien mingħajr il-Bid Bond. Is-Sindku ser jiċċekkja u jipprepara r-risposti meħtieġa. Is-Sindku pero' spjega li l-kontijiet tal-Kunsill kienu vverifikati u l-ammont ta' tibdil mill-awdituri kien minimu w irrelevanti.

3.2. Il-Proġett ta' l-ERDF - is-Sindku staqsa lis-Segretarju jekk smajniex xi ħaġa bħala update fuq l-applikazzjoni tal-fondi ta' l-Ewropa. Is-Segretarju qallu li għadna ma smajna xejn pero' dawk idumu ħafna biex jevalwawhom pero' ser jagħmel follow-up fuqha.

3.3. Is-Sindku qal li s-Sinjura Rita Said issa qiegħdha full-time u sejra tajjeb għalhekk tinqata' mill-matters arising.

3.4. Rigward il-korsijiet tal-tfal tal-kompjuter is-Sur Valvo qal li sejrin tajjeb u hemm 27 tifel u tifla jagħmlu dawn il-korsijiet.

3.5. L-Arriva u t-trasport pubbliku – Is-Sindku qal li fil-Laqgħa mat-Transport Malta ( Sur Ivan Vella) li saret f'Ottubru 2010 konna ġbidna l-attenzjoni fuq ir-rotta l-ġdida li mhux ser tkun idejali għar-raħal tax-Xghajra. Is-Sindku qal li konna ħriġna nsodisfatti ħafna mill-laqgħa u fl-istess laqgħa konna tkellimna wkoll li karozzi tal-linja ser jibdew iħokku l-qiegħ huma u niżlin in-niżla.

Is-Sindku kompla u qal li sadanittant baqa' mas-Sur Manwel Delia li ser jirranġaw ir-rotta tax-Xgħajra u staqsih jekk il-complaints jintbgħatux lilu jew lil Arriva u kkonfermalu li l-complaints imorru għand l-Arriva. Is-Sur Valvo ikkonkluda u qal li dan fl-aħħar mill-aħħar kull sistema ġdida trid il-ħin tagħha biex tara l-frott.

Ir-rotot li jgħaddu mix-Xgħajra huma it-3 u l-121. Ir-rotta 3 tasal sal-Furjana u l-121 sa' Raħal il-Ġdid. Illum għandna nkunu nafu kif ser jirranġawhom.

Kellna lmenti wkoll li r-rotta ta' bil-lejl tasal biss sal-Kalkara u ma tinżilx ix-Xgħajra. Dan l-ilment twassal lill-Arriva u qalulna li din ser tiġi kkunsidrata.

4. Item Nru. 4 fuq l-Aġenda – Ftugħ ta' Tenders u Quotations

4.1. It-Tender tal-PVs u l-kwotazzjonijiet ta' l-Insurance infetħu waqt il-laqgħa u ġew għal approvazzjoni.

Bħala tenders ġiet mgħażulha dik ta' l-Alberta fuq raġunijiet li kienet l-aktar offerta li toffri power bil-budget li tajnihom fid-dokument tat-tender li kien dak ta' €10,000.

Il-kwotazzjoni ta' l-Insurance intgħażlet dik ta' l-Island Insurance Brokers minħabba li hija l-aktar waħda vantaġġjuża ekonomikament.

5. Item Nru.5 fuq l-Aġenda - Korrispondenza.

5.1. Bħalissa għandna applikazzjoni tal-Playgrounds u tajjeb li nissottomettu din l-applikazzjoni biex nagħmlu l-upgrade tal-bandli ta' max-xatt skond l-istandards ta' l-MCCA.

5.2. Libreriji- Is-Sindku qal li l-applikazzjoni ta' l-iskema tal-Libreriji ġiet milqugħha u ser ningħataw is-somma ta' €420 li jingħataw f'zewġ lots.

6. Item Nru 6. fuq l-Aġenda – Ġie approvat u ratifikat l-infieq tax-xahar ta' Lulju, 2011

XGHAJRA

7. Item Nru 7. Fuq l-Aġenda – SSTP

7.1. Illum kellna l-meeting mas-CEO u l-Ingeniera ta' l-WSC u mill-meeting ħareġ li l-irwejjaħ għadhom hemm xorta waħda. Il-WSC qalu li mhux mill-impjant il-ġdid imma jew inkella għaliex jitħallew il-bibien miftuħin u minħabba t-trasport tas-sludge. Kemm is-Sindku kif ukoll il-Viċi Sindku spjegaw mal-WSC li kienu għamlu żjara fl-impjant u kienu sabu bibien miftuhin fejn jinżamm is-sludge u li c-CCTV u l-main gate ma' kienux qiegħdin jaħdmu. Mil-Laqgħa ħareġ ukoll li ser ikollna laqgħat aktar sikwiet sabiex jinżamm il-kuntatt u s-Sindku ppropona li jkollna persuna teknika li taħdem f'isem il-Kunsill u titħallas mill-WSC bħalma kellna fis-sitwazzjoni ma' Smart City. Is-Sindku ppropona li għandu jsir "bathing water testing" tal-kosta tax-Xgħajra issa li qiegħda taħdem is-sistema l-ġdida tad-drenaġġ. Dan jista' jiġi kkomparat ma' l-istess eżerċizzju li kien għamel il-Professur Axiaq qabel sar SSTP.

8. Item Nru 8 fuq l-Aġenda – Town Twinning

8.1. Is-Sindku staqsa lil Ms Decelis (Project Leader) biex tispjega l-andament tal-Proġett tal-Ġemellaġ. Ms.Decelis qalet li mhux infurmata ħafna fuqhom pero' taf li bħala popolazzjoni hemm 2,800 ruħ u li l-post Colletorto jinstab fin-nofsinhar ta' l-Italja. Il-ġemellaġġ ser isir bejn is-7 u l-11 t'Ottubru u ser jiġu 25 persuna li għad iridu nfittxulhom post fejn ser joqgħodu u rridu nġibu stimi ta' transfers bil- coaches.

9. Item Nru 9 fuq l-Aġenda – Proġett tal-Belveder/Recreational Centre

9.1. Rigward il-Proġett tal-Belveder, is-Sindku qal li ser niltaqgħu għada fuq il-post mal-Perit. It-tieni kont huwa ta' €82,000 u li ser ikun suġġett għad-diskussjon minħabba li qiegħed għoli u qabeż kull stima bl-extras.

9.2. Din il-ġimgħa l-WSC ser joħorġu l-Letter of Acceptance sabiex jibda x-xogħol ta' tqegħid ta' linja tad-drenaġġ, liema xogħol huwa stmat le ser iqum €38,000.

10. Item Nru 10 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

10.1. Rigward il-BBQ li ser ikollna din il-ġimgħa s-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera sħabu biex inħeġġu aktar nies jiġu għaliex għad għandna ftit ibbukkjati.

10.2. Is-Segretarju talab għall-awtorizzazjoni tal-Kunsill sabiex isir saqaf fuq il-kamra tat-toilet fil-Fortizza tal-Grazzja. Dan is-saqaf ser jiġi jiswa s-somma ta' madwar €300 us ser isir tal-bricks. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

11. Item Nru 11 fuq l-Aġenda - Aġġornament

Il-Laqgħa li jmiss ser issir f'Settembru minħabba li f'Awissu ma jkunx jista' kulħadd.

Il-Laqgħa ntemmet fis-1.30pm.

-------------------------------------- -----------------------------

Segretarju Eżekuttiv Sindku